# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London), P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 t' April tas-sena 2002.**

**Numru 1**

**Rikors numru : 207R/02 SM**

**Wara l-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet:**

**Direttur Generali tax-Xogholijiet**

**vs**

**John Mousu'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn talab illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali datata l-20 ta' Marzu 2002 (Dok. 'DGX1') b'dikjarazzjoni guramentata annessa maghha (Dok. 'A') u in forza ta' liema l-esponent gie nterpellat mid-Direttur Generali tax-Xogholijiet sabiex ihallas is-somma ta' seba' mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u sebghin centezmi (Lm 752.72c) allegatament dovuta bhala bilanc ta' kont ta' asfaltar fi Triq l-Uqija, Swieqi;

Illi l-esponent qed jopponi dan il-hlas ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Preliminarjament, hemm il-preskrizzjoni kwinkwennali abbazi ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

2. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu huwa qatt ma ippossjieda fi Triq l-Uqija, Swieqi.

3. Fi kwalunkwe kaz, u ukoll bla pregudizzju ghas-suespost, ma hu dovut l-ebda kont ta' asfaltar li jithallas qabel il-hrug tal-permess tal-bini.

Ghaldaqstant l-esponent fil-waqt li jirrizerva li jgieb il-provi in sostenn tal-premess jitlob bir-rispett li dina l-Qorti tiddikjara t-talba tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet ghall-hlas tas-somma ta' Lm 752.72c bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk tannulla l-istess talba tad-Direttur.

Rat l-artikoli li ghamlet gia' referenza ghalihom fid-digriet precendenti;

Stante li t-talbiet odjerni ma jistghux isiru bil-procedura maghzula mir-rikorrent, tichad it-talba bl-ispejjez

J. Farrugia
Dep. Reg.